Ħbieb il-Kappelli Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Ġunju 2025

Ħarġa Nru 50



Ħbieb il-Kappelli Maltin

PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta
e-mail: hbiebkappellimaltin2024@gmail.com
Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin

# EDITORJAL

**Kumitat 2024-2025**

**President**
Miriam Schembri

**Viċi-President**
Norbert Gingell

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Relazzjonijiet Pubbliċi**
Owen Caruana

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

**Membru**
Godfrey Mangion

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

Il-kappella ta' Dar Manresa, Rabat Għawdex

Ritratt: Owen Caruana

Għeżież Membri u Ħbieb,

Bħal kull sena l-attività li kulħadd ikun qed jistenna, il-mawra sa Għawdex fejn inżuru knejjes u kappelli reġgħet kienet suċċess. Żorna tliet kappelli li ma tantx wieħed iżurhom malajr. Hawnhekk hu lok li nirringrazzjaw lil Kav. Joe Attard li bħal dejjem insibuh biex jagħmlilna l-kuntatti sabiex jiftħulna l-knejjes u kappelli, u dan jagħmlu b'ċertu żelu u entuzjażżmu.

L-attendenza kienet għal darb'oħra numeruża, hekk li matul dawn ix-xhur li għaddew dejjem konna nlaħqu madwar 60 ruħ. Imma b'mod jew ieħor dejjem s'issa sibna fejn qabel ma nibdew iż-żjarat niltaqgħu b'mod informali biex nissoċjalizzaw bejniethna u nsiru nafu lil xulxin dejjem aktar. Issa skoprejna li l-każin tal-Banda ta' Ħal Balzan huwa dejjem lest biex jilqana meta ma nsibux post, u bi prezz tajjeb ferm. Ħal Balzan hu lok ċentrali u b'hekk malajr nilħqu mmorru fejn ikollna bżonn. Il-kumitat jirringrazzjakom tal-parteċipazzjoni tagħkom, li tkompli dejjem issaħħaħna biex inkomplu bl-impenn tagħna biex inkomplu norganizzaw l-attivitajiet ta' kull xahar.

Matul ix-xhur sajfin, il-Kumitat jibqa jiltaqgħa skont l-Istatut fejn nieħdu l-okkażżjoni sabiex nippjanaw l-attivitajiet ta' ħarġiet u oħrajn għax-xhur t'Ottubru 2025 sa Ġunju 2026. Diġa bdejna bl-ewwel ħsibijiet ta' fejn nistgħu mmorru. Imma nidħlu fid-dettal fix-xhur li ġejjin.

Nieħu din l-okkażżjoni biex infakkarkom li din hija l-50 ħarġa tal-Fuljett li kellu l-bidu tiegħu fil-pandemija tal-COVID 19. Il-Kumitat dak iż-żmien kien ħass il-ħtieġa li biex ma jinqatax minn mal-membri jibda joħroġ fuljett elettroniku li jkun bl-informazzjoni dwar knejjes u kappelli u informazzjoni oħra ta' interess relatat mal-knejjes u kappelli. Jidher li sar popolari hekk li barra li jitqassam lil membri u ħafna nies u jixxerred ukoll ma ħbieb oħra li jinteressaħhom is-suġġett tal-knejjes u kappelli, qed ikun ippubblikat fid-database tal-kollezzjoni ta' programmi tal-festa u katalogi tal-Universita ta' Malta għall-użu ta' riċerka. Il-Fuljett jittella wkoll fuq il-paġna tas-sit tal-Għaqda fuq il-Facebook, grazzi għal ħidma pronta ta' Owen Caruana.

Iż-żjara li se nagħmlu f'Ġunju se tkun fl-Orotorji tal-Knisja tad-Dumnikani fil-Belt Valletta. Hemmhekk se nżuru l-Orotorju tas-SS Sagrament u dak tar-Rużarju. Aktar dettalji issibuhom fiċ-ċirkolari li qed tintbagħat ma dan il-Fuljett.

Narawkom ħbieb

*N. Gingell*

Għall-Kumitat



Membri tal-Għaqda jisimu lil Kav. Joe Attard jagħti tagħrif dwar il-kappelli

# Il-Kappella Dar Manresa, Rabat Victoria, Għawdex



Il-bieb ta' Dar Manresa

Fil-kappella barra l-altar prinċipali hemm żewġ altari oħra ddedikati lil San Ġilormu u lil San Pawl Eremita. L-altar prinċipali jinsab f'kor naqra fond li fuqu hemm saqaf troll b'żewġ twieqi fil-ġenb u arzella. Fil-kappella nsibu ħafna skultura fil-ġebla Maltija, bħal dik li hemm madwar it-titular, fuq il-bibien u fil-kapitelli tal-pilastri. Fuq il-faċċata tad-Dar hemm kampnar b'qanpiena waħda, taħtu l-arma tal-isqof Mattei. Fuq il-bieb (llum magħluq) hemm irħama li tfakkar il-bini tad-dar.

F'din il-kappella hemm ukoll diversi opri tal-arti. Sabiħ ħafna hu l-kwadru titulari li tpitter minn Giuseppe Hyzler fl-1857 u li hu meqjus bħala l-aħjar xogħol tiegħu. Hu maqsum fi tnejn fejn fin-naħa ta' fuq naraw lill-Madonna bil-qegħda fuq is-sħab u b'Binha għadu tifel bil-wieqfa quddiemha u mdawra b'ħafna kerubini u b'erba' angli żgħar. Fin-naħa t'isfel barra għar jidher San Injazju għarkopptejh jikteb u ħdejh anġlu bil-wieqfa jżomm kitba li tgħid "*Beati qui audiunt Verbum Dei et custodiunt illum*" (*Imberkin dawk li jisimgħu l-Kelma t'Alla u jħarsuha*). Warajhom tidher il-Muntanja ta' Monserrat, il-belt ta' Manresa u x-xmara. Fin-naħa t'isfel Hyżler pitter ħafna pjanti li jikbru f'Għawdex.




San Kalċedonju (1857)
*Giuseppe Hyzler ( 1793 - 1858 )*
*Kappella San Kalċedonju (Ta' Manresa) Rabat - Gozo*

Fiż-żewġ kwadri ta' fuq l-altari tal-ġenb hemm San Ġilormu u San Pawl Eremita. Fuq altar minnhom hemm kwadru ovali tad-Duluri mdawwar minn gwarniċ skolpit u indurat stil Rococo. Fil-mensa tal-altar l-ieħor hemm il-korpsant ta' Santa Fortunata. F'niċċa waħda nsibu l-istatwa tal-ġebel ta' Santa Dminka, waqt li statwa oħra ta' din il-qaddisa



San Injazju



San Martin ta' Tours



Corpo Santo ta' Santa Fortunata



Santa Dminka

tinsab fis-sagristija.

Fuq l-erba' bibien hemm kwadri ta' San Injazju, San Franġisk Saverju, San Martin u San Publiju. Quddiem wieħed mill-bibien hemm Kurċifiss artistiku u devot ħafna, xogħol l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. Qabel ma tidħol fil-kappella tista' tara wkoll kwadru ovali ta' San Kalċidonju. Fil-fatt wara l-kappella ta' Manresa hemm kappella oħra żgħira ddedikata lil dan il-qaddis u li fiha hemm kwadru antik tiegħu

Il-kappella hija miżmuma tajjeb ħafna mill-Ġiżwiti li jieħdu ħsieb l-bżonnijiet kemm ta' dawk li jkunu qed jagħmlu l-irtir fid-Dar u kif ukoll ta' dawk li joqogħdu fil-qrib. Fiha jitqaddsu żewġ quddisiet kuljum.

*Kitba : Anthony M. Brincat*
*artiklu meħud mis-sit www.kappelli maltin.comt*

*Ritratti: Owen Caruana*



Id-daħla oriġinali minn fejn kienu jidħlu għal kappella



L-arma tal-isqof Mattei

# Is-Seminarju Qalb ta’ Ġesù Rabat Victoria, Għawdex


Il-faċċata tas-Seminarju

Il-binja li naraw llum tas-Seminarju taf l-oriġini tagħha lil ġenerożita ta’ numru ta’ persuni li fl-1778 iddeċidew li jibnu sptar ġdid għan-nisa f’Għawdex. Dak li kien l-isptar San Ġiljan kien imwaqqaf fiċ-Ċittadella fl-1454, imma maż-żmien ma felaħx għal numru dejjem jiżdied ta’ nies. Dan sar bil-ħidma u bil-ġenerożita ta’ Fra Melchior Afheran, Gran Pirjur tal-Ordni, kif ukoll ta’ Dun Guzeppi Agius u oħtu Rosa Pluman. L-Isqof ta’ Malta u Għawdex, Vincenzo Labini kien tahom wegħeda li joħroġ terz tal-ammont ta’ flus.

L-Isqof Laboni bierek l-ewwel ġebla f’Mejju 1783. Bil-ħidma ħabrieka ta’ Don Ġannmarija Cauchi u bil-volontarjat ta’ ħafna Għawdxin, ix-xogħol mexa b’mod mgħaġġel u meta nfetaħ kellu żewġ swali li jesgħu 50 sodda. Ftit mis-sodod kienu riservati għal dawk li ma kellhomx tama ta’ fejqan. Kien hemm ukoll spazju għal każijiet ta’ maternita u għal nisa mhux miżżewwġa. Meta fetaħ l-isptar San Gwann il-Battista, fejn illum jinsab l-Ministeru għal Ghawdex, dan aċċetta kemm rġiel kif ukoll nisa. B’hekk l-iskop tal-isptar San Ġiljan kważi ġie fix-xejn.

F’Settembru 1864, permezz ta’ Bolla *Singulari Amore* maħruġa mill-Papa Piju IX dan kien stabbilixxa djocesi ġdida għal Għawdex u Kemmuna. Kien fiha stipulat li din id-djocesi kella tiftaħ Seminarju. Għal dan il-għan ġie indikat l-isptar il-qadim


L-altar ewlieni

bħala s-sit. Mons Francesco Buttigieg, l-ewwel isqof t'Għawdex ordna l-implimentazzjoni ta' din ir-rikjesta mill-Papa. B'riżultat ta' din id-deċiżjoni f'Novembru 1864 l-isptar San Ġiljan għalaq il-bibien.



Is-saqaf tal-kappella

Mons Pietro Pace, il-Vigarju Ġenerali qabbad arkitett minn Ruma sabiex jieħu ħsieb it-tibdil strutturali meħtieġ. F'Mejju 1865 l-Isqof Buttigieg talab lil Pierre-Jean Beckx, Superjur Ġenerali tal-Ġiżwiti sabiex Ġiżwiti Sqallin jieħdu ħsieb id-direzzjoni u t-tmexxija tas-Seminarju. Hekk li f'Settembru 1866 l-ewwel Ġiżwiti waslu minn Sqallija. Dawn kienu Fr Antonio Tommasi SJ, l-ewwel Rettur, Fr Salvatore di Pietro SJ, l-ewwel għalliem tal-matematika u Br Antonio Ardagna SJ. Is-seminarju fetaħ bil-bibien tiegħu f'Novembru 1866. Tqiegħedu 3 irħamiet biex ifakkru dan l-avveniment. Dawn kienu bl-armi tal-Isqof Labini, l-Isqof Buttigieg u tal-Papa Piju IX. Però il-kappella ġiet imbierka mill-Vigarju Ġenerali f'Settembru u ġiet ddedikata lil Immakulata Kuncizzjoni.

L-ewwel grupp ta' seminaristi kien madwar mija, ħafna minnhom kienu *boarders*. Dan is-seminarju kien post prominenti magħruf sew għal edukazzjoni kompluta sa qabel ma' beda is-seklu 20. Is-seminarju ġibed ħafna żgħażagħ kemm ta' nies sinjuri Maltin kif ukoll ta' familji nobbli Sqallin li ħarbu minn Sqallija wara li l-Italja ġiet magħquda minn Garibaldi.



Disinn bl-istained glass fil-kappella tas-Seminarju

F'Gunju 1881 ir-Rettur Fr Vincenzo Deccoradi SJ biddel id-dedikazzjoni tas-Seminarju għal dik tal-Qalb ta' Ġesu. Maż-żmien is-seminarju sar ċentru fejn ħafna attivitajiet ekklesjastiċi u kulturali kienu jinżammu. Madankollu l-Ġiżwiti Sqallin ħallew is-Seminarju f'Awwissu

1909, hekk li l-Isqof Giovanni-Maria Camilleri għadda it-tmexxija tas-seminarju lil qassisin djoċesani. Minn sena wara it-tluq tal-Ġiżwiti, ir-Retturi dejjem kienu qassisin Għawdxin. Kien biss bejn l-1970 u 1997 li s-Seminarju reġa' kellu Rettur Ġiżwita.

Matul is-snin is-Seminarju kien tista tgħid l-uniku skola sekondarja f'Għawdex minn fejn numru kbir ta' qassisin, professjonisti, uffiċċjali publici u *businessmen*, kemm minn Għawdex kif ukoll minn Malta ħadu l-edukazzjoni fis-Seminarju. Hu smat li madwar 650 qassis Għawdxi u numru ieħor minn Malta għamlu l-edukazzjoni tagħhom f'dan is-seminarju. Nies oħra prominenti kienu seba Isqfijiet, tliett Presidenti ta' Malta, Prim Ministru u erbgħa Prim Imħallfin.

.



Statwa tal-Madonna fil-kappella tas-Seminarju

*Informazzjoni misluta u miġbura minn N Gingell*

*mill-kitba dwar is-Seminarju fuq is-sit* ***https://www.gozoseminary.com/newgozo/*** *miktuba minn Mons Joseph Bezzina kif ukoll mis-sit*

***https://www.sacredheartseminary.org.mt/our-seminary/history/***

*Ritratti : Owen Caruana*



Statwa ta' San Ġużepp



Sett ta' ikoni Ortodossi

# Il-Kappella tal-Kunċizzjoni tal-Blat, Il-Qala, Għawdex



Il-faċċata tal-Kappella tal-Kunċizzjoni tal-Blat

Hekk kif taqbeż is-santwarju antik u devot tal-Immakulata Kunċizzjoni fil- Qala u taqbad in-niżla lejn Ħondoq ir-Rummien, tilmaħ fuq il-lemin daqsxejn ta' kappella timraħ fis-skiet fuq il-fliegu li jifred lil Għawdex minn Kemmuna. Kappella żgħira, b'faċċata sempliċi u umli, iżda kkurata u miżmuma tajjeb ħafna.

Il-parroċċa li kienet tkopri l-Lvant ta' Għawdex, imwaqqfa mill-isqof Davide Cocco Palmieri fl-1688, kienet tkopri dawk li llum huma l-Qala, in-Nadur, Għajnsielem, l-Imġarr u Kemmuna. Fiha sa nofs is-seklu 18 kien hemm erba' knejjes; il-knisja parrokkjali ta' San Pietru u San Pawl, il-knisja filjali tal-Immakulata Kunċizzjoni, dik ta' Santa Marija tal-Eġittu f'Kemmuna u ta' San Martin fit-torri Garzes tal-Imġarr.

Fl-ewwel viżta pastorali li qatt saret lil din il-kappella mill-kappillan Dun Francesco Sapiano (1736-1812), iddelegat mill-Isqof, dan ordna li l-istatwa tal-Kunċizzjoni li ħadem Caruana ma tibqax hemm, imma tittieħed f'post aktar sikur.

Tagħrif dwar il-kappella ċkejkna hu skars wisq. X'aktarx li nbniet wara l-ewwel nofs tas-seklu 18. Marbuta ma' din il-kappella teżisti wkoll leġġenda li offriet tentattiv ta' spjegazzjoni dwar il-bidu tagħha. Din tirrakkonta kif il-Kemmunin kienu jiddependu għall-quddies ta' kuljum għal kollox minn qassis li ried jaqsam minn Għawdex. Iżda fi ġranet ta' maltemp, li wieħed jaqsam kienet tkun diffiċli jekk mhux impossibbli wkoll.




L-Immakulata Kunċizzjoni

*Rocco Buhagiar (1723-1805)*
*Kappella Immakulata Kunċizzjoni (Tal-Blat) - Qala Gozo*

Għalhekk il-Kemmunin qatgħuha li jibnu kappella ċkejkna fuq il-blat ta' fuq ir-riħ ta' Ħondoq ir-Rummien sabiex fi ġranet ta' maltemp qawwi, huma jkunu jistgħu jinġabru f'post msejjaħ Għar Għana u jsegwu l-quddiesa li ssir ġo din il-kappella ċkejkna.

Iżda manuskritt li nkiteb bejn l-1764 u l-1778 minn Kapuċċin minn Ħaż- Żebbuġ, Patri Pelaġju Mifsud Piscopo, naqraw li kienet teżisti '*cappellina*' li ġiet mibnija fl-1760 f'ġieħ il-Verġni Mbierka fuq ir-riħ ta' Ħondoq ir- Rummien ('*Chandaq i Rommien*'). Michele Spiteri, gabillott ('*Gabelotto*') minn Kemmuna ħareġ flus minn butu, flimkien ma' ieħor ċertu Andrea Spiteri, possibilment qaribu, biex bnew il-kappella.



L-altar ewlieni tal-kappella

Patri Pelaġju jgħidilna wkoll li qabel ma nbniet il-kappella li hemm illum, fl-1751 ċertu wieħed jismu Andrea Portelli mir-Rabat ta' Għawdex ħallas minn butu għal statwa tal-Kunċizzjoni, diġà msejħa '*tal-Blat*' sa minn dan iż-żmien. L-istatwa kienet magħmula mill-ġebel jew blat, u jista' jagħti l-każ li għalhekkk issejħet '*Madonna tal-Blat*' ('*statua dipietra nostrale*'). Dan juri li t-titlu '*Madonna tal-Blat*' kien diġà jeżisti minn qabel ma nbniet il-kappella, u kien attribwit lill-istatwa li telgħet fl-1751. L-istatwa saret minn idejn Giovanni Caruana, bir-Rabtin ta' Malta jiddikjaraw li l-istatwa titulari ta' San Pawl tar-Rabat li saret lejn l-1770, ħarġet ukoll minn idejh.

Fl-1783 l-isqof Mons. Vincenzo Labini (1735-1807) niżel f'din il-kappella u fil-viżta pastorali hemm konferma ċara li din l-istatwa ta' Caruana kienet tal-ġebel ('*statuam lapideam*'). L-isqof Labini innota li l-kappella kien fiha pittura titulari u li l-istatwa tal-Kunċizzjoni kienet għadha hemm. Kien imbagħad fl-1887, meta l-kappillan tal-Qala Dun Giuseppe Diacono (1847-1924) temm il-proġett ta' rinovar tal-knisja tal-Kunċizzjoni, li l-istatwa oriġinali tal-Madonna tal-Blat ġiet trasferita f'niċċa mibnija fil-faċċata tas-Santwarju fejn għadha hemm sal-lum.

L-ismijiet li semmejna ta' Andrea Spiteri li ħallas parti mill-ispejjeż tal-bini tal-kappella fl-1760 u Andrea Portelli li ħallas għall-istatwa fl-1751, huma marbuta mal-istorja tal-ventartal li kien jinsab fil-kappella tal-Blat u li llum ġie restawrat u ttieħed fil-knisja parrokkjali tal-Qala. Dan kien fih ix-xbieha ta' Sant'Andrija fuqu. Sant'Andrija huwa popolarment marbut mas-sajjieda u possibilment jew Andrea Portelli li ħallas l-istatwa jew Andrea Spiteri li ħallas parti sostanzjali mill-ispejjeż tal-bini tal-kappella, għażlu lil Sant' Andrija. Allura l-probabilità hi li Sant'Andrija qiegħed hemm mhux minħabba r-rabta tas-sajjieda li għamlu xi wiegħda li sab ruħu

hemm, imma frott isem min ħallsu.

Il-manuskritt ta' Patri Pelaġju li nkiteb biss ftit snin wara l-bini ta' din il- kappella jgħid ukoll li l-kappella ('*chiesina*') ġibdet ċerta devozzjoni lejha min-nies tal-inħawi u kienet meqjuma, ikkurata u frekwentata minn diversi abitanti tal-madwar. L-abitanti ta' dawk l-inħawi ħadu ħsieb ukoll li jkun hemm lampa mixgħula kontinwament f'din il-kappella.

Il-kappella hija waħda mill-iktar kappella sempliċi li nsibu fil-gżejjer tagħna. Għandha forma ta' kaxxa b'żewġ pilastri wieħed fuq kull naħa. Il-bieb hu mdawwar bi gwarniċa sempliċi u fuqu nsibu niċċa bl-istatwa tal-Madonna Sultana tal-Baħar (*Stella Maris*). Din l-istatwa saret mill-istatwarju Għawdxi Michael Camilleri Cauchi fl-1978. Il-kappella hi mdawra b'zuntier mdaqqas li minnu hemm veduta sabiħa ħafna ta' Ħondoq ir-Rummien b'Kemmuna u Malta quddiemek.



Kwadri tal-Via Sagra

Il-bieb għandu żewġ twieqi żgħar li jippermettulek li tara l-kappella minn ġewwa anki meta tkun magħluqa Għandha mwieżeb tal-ilma fil-ġnub tagħha. Minn ġewwa l-kappella hi sempliċi ħafna, b'altar wieħed tal-ġebel li hu qadim ħafna. Dan kien inġieb mill-kappella l-oħra tal-Kunċizzjoni ftit aktar 'l fuq minnha meta din tal-aħħar kien sarilha altar tal-irħam. Il-kwadru titulari hu taż-żejt u juri lil Immakulata Kunċizzjoni tisħaq ras is- serp, impitter minn Rokku Buhagiar fis-seklu tmintax, u tistrieħ f'arzella sempliċi tal-injam.

Il-kappella għandha saqaf troll li jserraħ fuq tlett arkati. Il-kappella tieħu d-dawl minn tieqa mdaqqsa li hemm fil-ġenb tal-knisja li ddawwalha sew. Il-kappella hi attrezzata sew u fiha sett kwadri tal-Via Sagra, ambone tal- injam u artal f'forma ta' mejda bi stil post-Konċiljari. Dawn huma xhiedha li juru li din il-knisja għada tintuża regolarment. Hemm ukoll żewġ statwi f'niċeċ fuq iż-żewġ ġnub tal-knisja, dik ta' San Ġużepp u oħra tal-Kunċizzjoni. Hemm ukoll statwa żgħira oħra li turi l-*Ecce Homo* f'niċċa żgħira f'rokna bejn żewġ kwadri tal-*Via Sacra*. Riċentement żdidet kamra oħra żgħira mal-kappella li sservi bħala sagristija.

Il-festa tal-Madonna tal-Blat tinżamm nhar it-tieni Ħadd ta' Mejju.

*Kitba ta' Daniel Meilak*

*Deskrizzjoni arkitettonika ta' Roderick Busuttil*

*Ghal aktar tagħrif aqraw l-artiklu sħiħ fuq is-sit www.kappelli maltin.com*

*Ritratti : Owen Caruana*

# Nifirħu lil Papa Ljun XIV

